MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-30 ta' April, 2003

Citazzjoni Numru. 1962/1997/1

***Maltacom plc.***

***vs***

***John Scriha***

Illum 30 ta’ April 2003

Il-Qorti,

Illi b’ att tac-citazzjoni, il-korporazzjoni attrici, wara li **ppremettiet**:

1. illi l-korporazzjoni attrici, fuq talba tal-konvenut, kienet istallat is-servizz telefoniku bin-numru 374365 fil-fond Blokk 4, House 1, Saint Patrick’s Housing Project, Saint Andrew’s u dana skond kif jirrizulta mill-anness Dokument A u cioe` kopja fotostatika awtentikata tas-‘Service Agreement’ esistenti bejn il-partijiet;

2. illi skond l-istess ‘Service Agreement’ il-konvenut kien obbliga ruhu li jhallas it-tariffi li minn zmien ghall-zmien jigu stabiliti mill-korporazzjoni attrici;

3. illi l-konvenut huwa debitur tal-korporazzjoni attrici fl-ammont ta’ LM 2,215.23 (elfejn mitejn u hmistax-il lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu) liema ammont huwa dovut ghall-uzu (pulses/calls), kera tal-linja, taxxa fuq il-valur mizjud fuq parti mill-kera u ‘installation charges’ in konnessjoni mal-istess servizz telefoniku u dana skond ma kif jirrizulta mill-anness ‘statement’ immarkat bhala Dokument B;

4. illi l-istess konvenut gie nterpellat ihallas is-somma msemmija izda baqgha inadempjenti u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza;

**Talbet** li l-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ ghandhiex:
(a) tikkundannah ihallas lill-korporazzjoni attrici s-somma ta’ LM2,215.23 (elfejn mitejn u hmistax-il lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu) liema ammont huwa dovut ghall-uzu (pulses/calls), kera tal-linja, taxxa fuq il-valur mizjud fuq parti mill-kera u ‘installation charges’ in konnessjoni mal-istess servizz telefoniku bin-numru 374365 liema servizz kien gie stallat mill-korporazzjoni attrici fil-fond fuq imsemmi fuq talba tal-konvenut.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-presenti, tal-ittra ufficjali tas-06 ta’ Dicembru, 1996, tat-taxxa fuq il-valur mizjud fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghax legali kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tas-socjeta’ attrici u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-Nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet tas-socjeta' attrici ghall-hlas ta' ammonti li jirreferu ghall-perijodu qabel Settembru 1992 huma preskritti a tenur ta' l-Artikoli 2156 (f);

2. Illi fir-rigward tal-hlas li qieghed jintalab ghall-perijodu bejn Marzu 1993 u Lulju 1996, is-socjeta' attrici issospendiet is-servizz tat-telefon fuq talba ta' l-eccepjent;

3. Illi f' kull kaz l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici huwa ezagerat;

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici li hija minn issa ngunta in subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tas-socjeta' attrici u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat li fl-udjenza tal-25 ta' Frar 2003 il-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni;[1]

Rat l-atti l-ohra tal-kawza;

Semghet xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat – fuq <u>l-ewwel eccezzjoni</u>:-

Illi permezz ta' din il-kawza, il-korporazzjoni attrici qeda titlob li l-konvenut jhallasha s-somma ta' elfejn mitejn u hmistax il-lira maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm2,215.23c) rapprezentanti *"ammont dovut ghall-uzu (pulse/calls), kera tal-linja, taxxa fuq il-valur mizjud fuq parti mill-kera, u installation charges in konnessjoni mal-istess servizz telefoniku".* Illi s-socjeta' attrici pprezentat prospett markat Dok.B fejn indikat breakdown tal-ammont minnha pretiz.  Dan jirreferi ghall perijodu li jestendi minn <u>Dicembru 1992</u> sa Lulju 1996.

Illi dan is-servizz kien mghoti mis-socjeta attrici fuq talba tal-konvenut fil-fond Blokk 4  House /1 St.Patrick's

[1] a fol.6 tal-process

(Progett Tad-Djar) St.Andrews skond applikazzjoni li tinsab annessa mal-att tac-citazzjoni u markata Dok.A.[2]

Illi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut hija fis-sens li *"hlas ta' ammonti li jirreferu ghall-perijodu ta'* ***qabel Settembru 1992***[3] *huma preskritti a tenur ta' l-artikolu 2156(f)".* Fi kliem iehor il-konvenut qed jeccepixxi l-preskrizzjoni kwinkwennali.

Illi l-Qorti tosserva li din l-eccezzjoni hija insostenibbli kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt. Hija insostenibbli fil-fatt, ghax l-korporazzjoni mhux qeda tippretendi ebda ammonti ghall-perijodu ta' qabel Settembru 1992. Dan jirrizulta ampjament kemm mill-imsemmi dokument anness mal-att tac-citazzjoni, kif ukoll mill-prospett dettaljat esebit mill-istess socjeta' fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 1999 quddiem l-Assistant Gudizzjarju u markat Dok.NS1[4]

Illi din l-eccezzjoni hija nsostenibbli legalment, ghax fl-istess nota tal-eccezzjonijiet il-konvenut eccepixxa *"Illi f' kull kaz l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici huwa esagerat"*[5]

Illi fil-kawza *Antonia Attard Gialanze vs Emanuel u Doris Rizzo* [6] , fejn tqajjmet mill-konvenuti eccezzjoni simili, l-Onorabbli Qorti tal-Appell kkonsidrat li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni segwita b' eccezzjoni fejn qed jigi kkonstestat il-*quantum* tal-ammont mitlub, hija insostenibbli fil-ligi; u dik l-Onor.Qorti ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet li huwa ferm relevanti ghal kaz odjern:

"L-insenjament tal-Qrati taghna kien dejjem fis-sens li, "salv xi sfumaturi partikolari minn kaz ghal iehor, id-debitur illi ammetta li ghandu jghati lill-attur, imma biss ma jirrikonoxxix bhala ezata s-somma pretiza, jigi li jirrinunzja

---

[2] a fol. 5
[3] emfasi tal-Qorti
[4] a fol.38 et seq.
[5] a fol.14
[6] deciza 29 Jannar 1998 mill Onor.Qorti tal-Appell (Inf.) *per Onor.Joseph filletti* – Vol.LXXXII.I.I. L-eccezzjoni f' din il-kawza kienet hekk: *"sussidjarjament u bla pregudizzju fi kwalunkwe kaz, l-ammont mitlub huwa ezagerat"*

tacitament ghal-presrkizzjoni *(Sammut v Grima Vol.XXVIII.III.688 u sentenzi hemm citati)* …..

L-awtorevoli **Troplong** (ara prescrizione no.67 Aubry et Rau VIII para.776) jghallem hekk: *“Vi ha rinunzia tacita alla prescrizione qunado il debitore, senza negare di essere tale, si limita a discutere ed impugnare l’ ammontare dovuto, e l’ espressione usata dimostre che egli ammetteva di essere debitore verso l’ attore ma non riconosceva essere esatta la somma”*

Hu stabbilit u notorju l-fatt li meta d-debitur jallega li huwa m’ ghandux jaghti daqskemm il-kreditur jippretendi minghandu, ikun ifisser li huwa rrinunzja tacitament ghall-preskrizzjoni *(App.C. G.Demarco v G.Aquilina – 10.06.1946).* Dan ifisser li *“la detta prescrizione opposta dal convenuto deve riternersi inefficace altesi la rinuncia fattavi (Prim Awla Carbun v Bezzina 29.01.1897)”*

Ir-rinuzja f’ dan il-kaz tista’ tkun espressa jew tacita u r-rinunzja minn fatt li jissupponi l-abbandun tal-jedd akkwistat *(Borg v Testaferrata Bonnici – 24.03.1958)*.

“Xejn ma jiswa illi l-kompensazzjoni opponiha in subordine bla pregudizzju ta’ l-eccepita preskrizzjoni in vista tal-principju *protestatis contra factum non relevat* u bil -fatt tieghu stess il-konvenut gie li rrinunzja ghall-preskrizzjoni.” *(Prim Awla Felice Fenech v Carmelo Bellia – 29.01.1960)*

Fl-istess vina hija s-sentenza mghotija minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fil-kaz *Il-Korporazzjoni TeleMalta vs Joseph Cassar*[7] u d-diversi sentenzi hemm citati.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddeciedi billi tichad din l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, bl-ispejjez ta’ dan il-gudizzju kontra tieghu.

[7] deciza 28 Jannar 1998 per Onor.Imhallef G.Valenzia – Vol.LXXXII.III.211

---------------------------------TMIEM---------------------------------